**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**<u>Seduta ta' nhar il-Gimgha 14 ta' Jannar 2022</u>**

**<u>Rikors nru: 612/2021 AGV :</u>**

**AB**

**VS**

**CD**

**Il-Qorti rat ir-rikors Guramentat ta' AB datat 14 ta' Dicembru 2021 fejn** espona bir-rispett:

1. Illi l-partijiet izzewgu fid- disgha u ghoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elfejn u ghaxra (29/05/2010) gewwa Malta ( kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn annessa u immarkata bħala 'Dokument A';

2. Illi ż-żwieġ ta' bejn il-partijiet tkisser irremedjabilment fis-sena 2012 fejn il-partijiet isseparaw *de facto* (kopja tal-affidavit tal- Esponenti hawn annessu mmarkat bhala DOK B);

3. Illi l-partijiet isseparaw legalment permezz tal-kuntratt tas-Separazzjoni taghhom datat 5 ta' April tas-sena elfejn u tlettax (05/04/2013), fl-atti tan-Nutar Robert Micallef, (kopja tal-kuntratt tas-separazzjoni hawn annessa u immarkata bħala 'Dokument C' u  ghalhekk l-partijiet ilhom ma jgħixu flimkien ghal kwazi tmien (8) snin;

4. Illi minn dan iz-zwieg ma twieled l-ebda wild u ma hemm l-ebda kwistjonijiet dwar manteniment jew arretrati tal-istess;

5. Illi l-partijiet għadhom sa llum il-ġurnata ma rrikonċiljawx bejniethom u ma hemm l-ebda tama jew prospett ta' rikonċiljazzjoni fil-futur;

6.  Illi r-rikorrent jaf b'dawn il-fatti personalment

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn imsemmija ir-rikorrent umilment jitolob lill-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-partijiet li izzewgu fid- disgha u ghoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elfejn u ghaxra (29/05/2010) mahlul ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ai termini tal-Artikolu 66A (1) Kapitolu 16;

2. Tordna lir-Registru tal-Qorti sabiex fiz-zmien hekk prefiss mill-Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex jigi registrat.

**Il-Qorti rat ir-risposta Ġuramentata ta' CD** detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 350390M, datata 12 ta' Jannar 2022 fejn esponiet bir-rispett u bil-ġurament ikkonfermat illi:

1. Illi l-partijiet ingħaqdu fis-sagrament taż-żwieġ nhar id-29 ta' Mejju tas-sena 2010 ġewwa l-Kappella taż-Żebbiegħ, l-Imġarr Malta (Kopja taċ-Ċertifikat taż-Żwieġ qed jiġi anness u mmarkat bħala 'DOK.A');

2. Illi minn dan iż-żwieġ ma twieldux tfal, għaldaqstant m'hemm ebda manteniment dovut;

3. Illi l-partijiet isseparaw minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 5 ta' April tas-sena 2013, lhiema kuntratt ġie ppubblikat minn Nutar Robert Micallef (kopja tal-kuntratt tas-separazzjoni qed jiġi anness u mmarkat bħala 'DOK.B');

4. Illi l-esponenti tikkonferma li ma teżisti l-ebda possibilità ta' rikonċiljazzjoni *stante* li llum il-ġurnata għandhom ħajjiethom kompletament separata minn xulxin;

5. Illi l-esponenti tixtieq tirriverti għal kunjomha xebba u ċioé D;

6. Illi mar-Rikors odjern qed jiġi anness l-Affidavit tal-esponenti nfisha li qed jiġi mmarkat bħala 'DOK.Ċ';

**Għaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti m'hijiex qed toġġezzjona għat-talba tar-rikorrent għall-ottjeniment ta' divorzju.**

U dan taħt dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huma xierqa u opportuni.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**